# PATRIMONJU TA' ARTIĠJANAT UNIKU FIX-XEWKIJA

Consiglia Azzopardi

Ix-Xewkija hija post ta' snajja' antiki, kemm dawk tradizzjonalment maħduma mill-irġiel u kemm minn-nisa.

Biżżejjed timxi mat-triqat u tħares lejn id-djar qodma bil-lavur fil-galleriji jagħtu fuq l-isqaqien dojoq biex tħoss l-ispirtu tal-antenati mħarrġin fis-sengħa tal-ġebla. Hekk għexu l-irġiel ta' dawn l-inħawi tal-gżira Għawdxija, marbuta mal-qtugħ u l-inġarr tal-franka mill-barrieri u mgħallma tajbin fis-sengħa tal-bini. Idħol ġewwa u ssib il-kxaxen tal-gradenza mimlijin kutri minsuġa mis-suf tan-nagħaġ u lożor minsuġa mit-tajjar. Sal-kuluri tal-faxxi kellhom jagħżilhom li dawn il-lożor inħadmu fl-isqaq ta' Dora fix-Xewkija! Għax dawn is-snajja' kienu jintirtu fil-familja, jitgħallmuhom l-ulied mill-ġenituri tagħhom, sakemm ġie l-progress u l-folja nqalbet, il-bniet Xewkin ma baqgħux jingħarfu minn ta' rħula oħra għax siefru jew marru jaħdmu fil-fabbriki jew impjegati. Spiċċa dak iż-żmien meta gruppi ta' nisa u tfal - minn bniet żgħar, sa xebbiet kbar, nanniet u xjuħ wara l-bieb miġbura fid-dell mhux qiegħda imma kulħadd aljenat jistinka jaħdem il-labar, il-bizzilla jew isellet għall-aġġorn.




*Dun Franklin Vella liebes l-alba tal-bizzilla għall-festa tal-ewwel quddiesa. Iz-ziju tiegħu, Dun Ġwann Attard u Dun Trevor Sultana lebsin ukoll bizzilla maħduma fix-Xewkija*

Waħda mill-isbaħ xogħlijiet tal-idejn kommemorattivi wirt tax-Xewkin hija l-bizzilla tal-alba li l-poplu ta' din il-parroċċa kien irregala lill-Isqof Giuseppi Pace nhar l-4 ta' Mejju 1952, fl-okkażjoni tat-tberik tal-ewwel ġebla tar-Rotunda tax-Xewkija. Żmien wara kellha terġa' tirritorna lejn il-parroċċa li minnha ħarġet u dan grazzi għal Dun Franklin Vella, qassis żagħżugħ mix-Xewkija, li b'entużjażmu jiġbor informazzjoni fuq il-patrimonju tal-parroċċa tiegħu. Għalhekk kien ta' għajnuna kbira biex setgħet tiġi studjata l-Istorja, id-disinn u xi punti fit-teknika speċjali ta' din l-bizzilla.

## KOMPOŻIZZJONI TAL-BIZZILLA

Il-bizzilla hija kapulavur maħdum bil-ħajt tal-għażel, twila 396ċm u għolja 45ċm. Fiha 9 simboli: Pax, IHS, Maria, Ħaruf bilwieqfa - li x-Xewkin jikkunsidrawh bħala l-ħarufa ta' San Ġwann, qalb li tfisser l-imħabba, l-armi ta' Pace għall-Isqof, Grech għall-Arċipriet Giuseppi Grech ta' dak iż-żmien, l-emblema tat-tliet għoljiet li jirrappreżentaw lil Għawdex u l-emblema tax-Xewkija. Is-soltu alba ma jkunx fiha iżjed minn 8 simboli, imma din id-darba kellha tiżdied biex mad-dawra tat-tul tkun tista' tidħol l-iskrizzjoni li tgħid:


POPULUS - XEWKISIENSIS
JOSEPHO - PACE - EPISCOPO
LAPIDEM - ANGULAREM
BENEDICENTI - AC - PONENTI
MAGNIFICI - TEMPLI - DICATI
S. JOANNI - BAPTISTAE
PIGNUS - AMORIS
OFFERT.
IV - Maji - MCMLII (1952)

*Offerta mill-poplu tax-Xewkija lill-maħbub Isqof Giuseppi Pace fl-okkażjoni tat-tberik tal-ewwel ġebla tat-tempju maestuż iddedikat lil San Ġwann Battista, 4 ta' Mejju 1952 (Arkivji Parroċċa Xewkija)*




*Parti mill-bizzilla u kmiem pariġġ*
*(Ħajr Dun Franklin Vella)*

Il-proġett kien afdat f'idejn Marċell Mercieca tal-Gerdil (1907-1967), wieħed min-negozjanti ewlenin tal-bizzilla fix-Xewkija. Kien miżżewweġ lil Teresina bint Toni Xuereb tal-Kaċċatur mir-Rabat li kien imqabbad ma' Għawdex kollu jinnegozja l-bizzilla u jsiefer biha lejn Ġibiltà, l-Ingilterra u l-bqija. Min jaf kemm bizzilla maħduma mix-Xewkin inġarret lejn dawn il-pajjiżi! Irridu nifhmu li kienet tkun bizzilla maħduma bis-sengħa li titqabbel tajjeb mal-bizzilli barranin u kienet imfittxija għax, għalkemm ta' kwalità, in-negozjanti dejjem kienu jżommu l-prezz kemxejn inqas minn bizzilli ta' barra biex jaqbdu s-suq. Ħaġa ġġib 'l oħra u fl-aħħar nstab ukoll id-disinn ta'din l-alba fil-kollezzjoni tal-Kavallier Lorenzo Zammit Haber (1875-1961).




***Disinn ta' parti mill-iskrizzjoni li kellha tifforma ċ-ċinta tal-alba (Ħajr Lawrence Zammit Haber)***

## MIN KIEN LORENZO ZAMMIT HABER?

Niftakru fi xjuħitu bħala raġel bjond, ilvent, bid-daqna ħamranija; ma tistax ma tagħrfux lill-Kavallier Zammit Haber; ma nafx għaliex kelli l-impressjoni li kien kaptan fuq il-vapuri. Kont naf li kellu dik id-dar kbira b'ħafna skultura fil-pjazza tax-Xewkija. Żmien wara, studenta mix-Xewkija rranġatli biex niltaqa' mal-aħħar żewġ nisa artiġjana li kienu għadhom joqogħdu f'din id-dar. Ma ninsa qatt dak li qaluli u ġibt għajnejja wara widnejja b'dak li wrewni. Minn ġol-kexxun tal-gradenza ħarġu sorra kbira bl-oġġetti tal-bizzilla, tal-ħarir abjad maħdumin fini kif kienu jafu jaħdmu fl-imgħoddi. Issa li kienu kibru fl-età ma kienx għadhom jaħdmu bizzilla imma spiċċaw jaħdmu xi ġersi bil-labar ħoxnin biex ma jkagħbrux għajnejhom u għax il-ġersi jitla' malajr u dan iż-żmien kien iġib iktar flus mill-bizzilla.

Lawrenz kien arkitett u kien imfittex ħafna għall-pittura lineari jew disinni bil-pinna li kien jagħmel għall-iskultura tal-altari, lapidi, irħam għall-art tal-knejjes, skultura fil-ġebla, tinqix tal-oġġetti sagri tal-fidda, skultura fl-injam għall-pedestalli, pjanti ta' djar u artijiet fosthom disinn tal-iskultura fil-faċċata tad-dar dominanti fil-pjazza tax-Xewkija. Jgħidu li hu kien il-moħħ wara l-bini tal-kolonni li fuqhom isserraħ il-koppla maestuża tar-Rotunda. Imbagħad kien jagħmel ħafna disinni ta' bandalori mhux biss għax-Xewkija imma kellu ordnijiet mill-parroċċi t'Għawdex u saħansitra minn Malta. Kien jagħmel ukoll disinni ta' armi biex jiġu maħduma bil-lavur fil-ġebla, fl-injam jew fl-irħam. Dawn l-armi ta' kunjomijiet jew simboli għall-oġġetti sagri kienu jiġu rrakkmati jew maħdumin bil-bizzilla.

Din is-sengħa ta' kif jiddisinja kien kisibha mis-Seminarju tal-Qalb Ta' Ġesù fir-Rabat Għawdex, fejn Lorenzo kien jattendi l-iskola sekondarja. Dak iż-żmien is-seminarju li kien għad ilu mwaqqaf biss madwar għaxar snin, mindu Għawdex sar djoċesi, kien qabad ritmu tajjeb taħt it-tmexxija tal-Ġeżwiti. Fost is-suġġetti li kienu jitgħallmu s-subien f'din l-iskola kien id-Disinn u kien jiġi mgħallem minn pittur mqabbad apposta. Hekk insibu li fit-13 ta' Lulju 1890 Lorenzo Zammit kiseb Diploma fl-*Accademia Dell'Disegno*. Fis-sena 1891-92 spiċċa b'suċċess il-*Corso di Matricola* fl-istess seminarju u baqa' membru attiv fil-Kongregazzjoni Marjana fejn ġie nominat bħala Prefett għas-sena 1897-98. Dan ifisser li Lorenzo baqa' f'kuntatt mal-istudju tas-Seminarju sal-aħħar tas-seklu.



***Lorenzo u wliedu bniet Mary, Ines u Ġuża fl-aħjar tagħhom (Ħajr Lawrence Zammit Haber)***

Lorenzo kien jikkompona l-Ġiljana. Kien missier ta' ħamest itfal, żewġ subien u tlett ibniet ilkoll edukati f'kulleġġi Malta. Il-bniet baqgħu t-tlieta d-dar jaħdmu kull xorta ta' artiġjanat, kienu ħajjata primi u kollha kapaċi jaħdmu bizzilla fina; Mary (1911-1983) kienet tispeċjalizza fir-rakkmu tad-deheb u tal-ħarir, Ines (1915-2000) u Ġuża (1921-1994) kienu jaħdmu bizzilla tal-Filet sa jagħmlu x-xibka huma stess u kienu jagħmlu

l-fjurelli tal-ganatil. Is-sengħa tal-bizzilla tal-Filet ma kinitx komuni bħalma kienet taċ-ċombini u kienu jaħdmuha biss xi sorijiet fil-kunventi, aktarx li kienu jitgħallmuha mingħand sorijiet xjuħ Taljani jew Franċiżi. Dawn ta' Lawrenz kienu magħrufa għal din il-kwalità speċjali ta' bizzilla li kienu jordnawha qassisin anki minn Malta.

Naturalment il-missier Lawrenz kien hu li jiddisinja l-proġett, imbagħad l-ulied kienu jaddattaw huma għall-bizzilla u għar-rakkmu - bin is-sengħa għandu nofsha! Sal-ħwejjeġ tal-moda bħal kowtijiet, kpiepel u lbiesi kien jiddisinjalhom, ma jinsiex anki disinni tal-buttuni u bokkli taċ-ċinturini. Ma' ta' Lawrenz gawdiet fuq li gawdiet il-knisja tax-Xewkija għax sal-lum għadek tidħol il-knisja nhar il-festa ta' San Ġwann u tara dak it-tużell kollu rakkmu tad-deheb sabiħ, vintartali, tuniċelli jew pjaneti, stajjel, ċinglijiet, purtieri tat-tabernaklu eċċ rrakkmati bil-ħajt tad-deheb - kollha frott minn idejn Mary.

Ma' dawn hemm ukoll ħafna bizzilla tal-ħarir isfar li tintrama fuq l-altar tas-Sagrament jew fuq l-altari tal-knisja l-qadima ġos-sagristija, kollha maħduma fuq l-istess disinn li jġib is-simboli tal-knisja l-qadima, il-pjagi, l-imsiemer u l-Qalb flimkien mal-Ħaruf tal-Apokalissi. Naturalment ma' dawn ħadmu għad ta' bizzilel għall-albi u r-rukketti li tferrxu ma' kullimkien, l-id tal-ħidma tagħhom tispikka għall-finezza u l-mod kif jirrealizzaw l-punti tal-Balla b'sengħa tal-għaġeb.



***Altar armat fis-sagristija juri xogħlijiet tal-aħwa Zammit Haber***

Imma din id-darba x-xogħol tal-bizzilla li kellha tinħadem biex tiżżanżan mill-Isqof Giuseppi Pace meta titqiegħed l-ewwel ġebla tar-Rotunda ma ħadmuhx ta' Lawrenz, imma tħalla f'idejn Theodora Azzopardi tal-Impustat. Jista' jkun li wlied Lorenzo kellhom xogħol ieħor imqabbad, jew il-proġett kien mgħaġġel u Dora li kienet meqjusa bħala ċ-*Champion* tal-bizzilla fix-Xewkija għax kienet tħaffef u diġà kienet ħadmet lil Ġużeppa tax-Xelina xi bizzilla għar-Reġina Eliżabetta II. Fl-arkivji tal-parroċċa ma nstab imkien ħlasijiet ta' kemm tħallset Dora u lanqas kemm damet taħdimha jew fuq xi spejjeż tal-għażel la tal-ħajt u lanqas tad-drapp. Forsi n-negozjant Mercieca tal-Gerdil ħaseb għalihom hu



***Theodora Azzopardi li ħadmet il-bizzilla kommemorattiva tat-tqegħid tal-ewwel ġebla tar-Rotunda***

minn butu! Skont l-intervisti mal-qraba ta' Dora, din ma kinitx l-ewwel darba li ħadmet b'xejn għall-knisja, għalkemm kienet armla u kienet taqla' l-għajxien tagħha mill-bizzilla. Il-*motto* tagħha kien li ma tfittixx mal-Mulej u din id-darba hekk għamlet ukoll, imma jgħidu li l-Arċipriet kien ipattilha billi jibagħtilha ħut, ġbejniet jew ħaxix milli kien jaqla' hu mingħand il-parroċċani.

Li jiskantani f'din il-biċċa xogħol kapulavur tal-bizzilla hu kif Dora, li milli jidher ma kellha ebda tagħlim fuq is-sengħa ħlief l-esperjenza tal-prattika, kienet kapaċi tinterpreta l-kliem li kien hemm fl-iskrizzjoni u ċertu varjazzjoni tal-Punt Ingliż sempliċiment minn dak biss li pinġa Lawrenz b'tant preċiżjoni. Ma kinitx ħaġa faċli! Min jaf kemm għaddiet iljieli tħammem kif se tinvesti minn parti għal oħra! Illum nistgħu nifhmu dan meta niflu bir-reqqa u mill-qrib l-bizzilla maħduma li għandu Dun Franklin.

Dawn in-nisa bravi bħalma kienet Theodora, li kisbu l-għerf bil-ħila ta' moħħhom u jdejhom, mietu u ntesew u magħhom qed tintesa b'pass mgħaġġel ħafna s-sengħa tal-bizzilla. Tilef il-pajjiż u se titlef ukoll il-knisja, għax l-apprezzament tax-xogħol tal-idejn, il-valur ta' dak li kapaċi nagħmlu fiż-żmien li jislifna l-Mulej m'għadux jissemma. Illum bdejna nfittxu mal-Mulej u biex neħilsu ħafif il-knejjes qed inżejnuhom bix-xejxi tal-magna. X'differenza minn dawk is-sigħat twal jaħdmu għall-Mulej bl-iżjed mod nobbli u perfett!